MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 311/2009

**Appell Nru. 311/09**

**Il-Pulizija
(Spt. Jeffrey Cilia)
(Spt. Joseph Agius)
Vs
Renald Barbara
Paul Abela
Omissis**

**Illum 28 ta' Novembru, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli
1) nhar it- 22 ta' Marzu 2009, ghall- habta tad- 9.00am, fil- Pieta', ikkommettew serq ta' diversi ghodda mill-fabbrika Dolphin Forge, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil- mezz, bil- valur li jaccedi l-elfejn u tlett mija u

disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad- detriment tal-kumpanija Dolphin Forge Ltd. u/ jew Louis Farrugia;
2) fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, f'Malta, laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;
3) fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri t- tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) izda anqas minn mija u sittax il- ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);
4) Irrendew ruhhom recidivi ai termini tal- Aritkoli 49, 50 u 289 tal- Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill- Qrati ta' Malta, diversiment preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula jew imhassra;

Lil Renald Barbara wahdu;
5) talli kiser il- providimenti tal- Artikolu 2 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta ta' sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal- Magistrati (Malta) fl- 1 ta' Novembru 2008,
b'liema sentenza kien gie misjub hati ta' reat u liberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax – il xahar;

Lil Paul Abela wahdu;

6) talli fil- perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill- Qorti tal- Magistrati (Malta), nhar it- 3 ta' April 2008, ikkommetta reat li ghalih hemm il- piena ta' prigunerija.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Lulju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 41, 261, 262, 263, 279(b), 334, 325, 49, 50 u 289, 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill-appellati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkundannathom is-segwenti pieni :
Kwantu ghal Renald Barbara perjodu ta' tlettax-il xahar (13) prigunerija ghal dan ir-reat u ordnat id-dhul fis-sehh

tas-sentenza ta' prigunerija sospiza moghtija minn din il-Qorti hekk kif presjeduta fit-22 ta' Jannar, 2009 u ghalhekk ordnat li jibda jiskonta l-piena ta' sena prigunerija moghtija lilu permezz ta' dik l-istess sentenza.
Trattat mill-gdid mall-appellat ghall-ksur ta' liberazzjoni kundizzjonata moghtija lilu minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-1 ta' Novembru, 2008 u ghalhekk ikkundannatu perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija.
Ghalhekk b'kollox l-appellat ghandu jservi perjodu totali ta' prigunerija ta' sentejn u seba' xhur.
Kwantu ghall-appellat Paul Abela, perjodu ta' tlettax (13)-il xahar prigunerija ghal dan ir-reat.
Ordnat id-dhul fis-sehh ta' sentenza ta' prigunerija sospiza moghtija minn din il-qorti hekk kif presjeduta fit-22 ta' Jannar, 2009 u ghalhekk ordnat li jibda jiskonta l-piena ta' sena prigunerija moghtija lilu permezz ta' dik l-istess sentenza.
Ordnat id-dhul fis-sehh tas-sentenza ta' prigunerija sospiza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-3 ta' April, 2008 u ghalhekk ordnat li jibda jiskonta l-piena ta' disa' xhur prigunerija moghtija lilu permezz ta' dik l-istess sentenza.
Ghalhekk b'kollox l-appellat ghandu jservi perjodu totali ta' prigunerija ta' sentejn u ghaxar xhur.
Ghal kull buon fini l-Qorti rrakkomandat li Abela ma jitlifx l-impjieg tieghu waqt li jkun detenut, u jkun possibbli ghalih li jerga' jahdem fl-istess xoghol wara li jkun skonta din is-sentenza.
Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-appellat.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-27 ta' Lulju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellati hatja ta' l-akkuzi kollha kif migjuba kontra taghhom kif ukoll tikkonferma l-ordni tal-konfiska tal-vettura KAA 731, filwaqt li tirrevokaha w thassaraha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellati ghall-pieni kif elenkati hawn fuq u minflok tinfliggi piena skond il-ligi kif ukoll tordna li l-konfiska tal-vettura KAA 731 tkun korrettement riflessa fis-sentenza kif riformata.
Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellati esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-Ewwel Qorti sabet liz-zewg appellati hatja ta' reati li ma kienux akkuzati bihom u li konsegwentement m'ammettewx ghalihom.

L-appellati gew imressqa quddiem l-Ewwel Qorti bir-reati, fost l-ohrajn ta' serq u l-akkuzi gew anki kkwotati fis-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti fit-2 ta' Lulju 2009. Waqt il-procediment tal-kawza, l-prosekuzzjoni qatt ma biddlet ir- reati migjuba kontrihom hlief li ziedet it-tmien akkuza (li kkommettew reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta)). Konsegwentement, l-appellati ammettew ghar-reat ta' serq fost l-ohrajn.

Illi meta l-Ewwel Qorti ghaddiet biex tikkonsidra l-artikoli tal-Ligi fil-kaz in dizamina, hi kkwotat ukoll l-artikolu "41" fost l-artikoli l-ohrajn.

Illi l-esponent jissottometti illi l-Ewwel Qorti qatt ma setghet issib lill-appellati hatja ta' attentat ta' serq meta huma kienu akkuzati, w konsegwentement ammettew, ghar-reat ta' serq.

2) Illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija differenti, minhabba fil-kwantita' taghha, minn dik preskritta bil-ligi ghar-reat li dwarhom l-appelati kellhom jinstabu hatja.

Dan l-aggravju jibbaza fuq l-ewwel aggravju hawn espost. Jekk il-Qorti kellha ssib lill-appellati hatja tar-reat ta' serq aggravat bil-vjolenza, bil-mezz u bil- valur, mela l-piena ta' tlettax-il xahar prigunerija hija definittivament piena li tmur taht il-minimum stabbilit mill-ligi. L-esponent jissottometti illi l-piena ta' 13-il xahar prigunerija hija l-piena minima preskritta mill-artikolu 279(b) tal- Kodici Kriminali w cioe' ghas-serq aggravat bil-valur li jeccedi l-€2329.37. Meta wiehed iqis illi l-appellati ammettew ukoll ghas-serq aggravat bil-vjolenza w bil-mezz (apparti l-aggravju tal-valur) l-ammont ta' prigunerija ghandu jigi kkalkolat ai termini ta' l-artikolu 280(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta w id- diversi referenzi li jsiru f'dan l-imsemmi artikolu.

3) Illi t-traskrizzjoni tas-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti m'hijiex komprensiva w dan ghax ma tinkludix il-konfiska tal-vettura kif ordnata mil-Ewwel Qorti.

Dan l-aggravju huwa bbazat fuq il-fatt li meta s-sentenza appellata giet traskritta jidher li bi zvista l-ordni ta' konfiska tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KAA 731 ma gietx traskritta fis-sentenza meta kienet ittajpjata.

Mill-"prime note" ta' l-Ewwel Qorti jidher bic-car li l-Magistrat sedenti ordna l- imsemmija konfiska. Dawn in-noti huma miktubin mill-Magistrat sedenti bil- linka sewda fuq wara ta' fol. 2 tal-process u huma ffirmati w datati mill-istess Magistrat. B'hekk l-esponent jissottometti illi minkejja li l-Ewwel Qorti ordnat din il-konfiska b'mod inekwivoku, din l-ordni m'hixiew riflessa fis-sentenza kif traskritta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Mejju, 2012 fejn b'referenza ghat-tielet agravju ta' l-appell ta' l-Avukat Generali l-Qorti wara li rat l-appunti tal-Magistrat at ergo ta' fol 2 ordnat li l-process jigi rimess lill-Qorti tal-Magistrati sabiex terga ssir t-traskrizzjoni tas-Sentenza liema traskrizzjoni ghandha tirrispetta fedalment l-appunti tal-Magistrat kif fuq inghad. Rat illi l-Qorti tal-Magistrati sanat din is-Sentenza kif jidher fil-kopja esebita a fol 190 tal-Process u b'hekk it-tielet agravju ta' l-appell ta' l-Avukat Generali gie sodisfatt.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi l-fond tal-fabrika Dolphin Forge Limited gewwa l-Pieta m'ghadux jintuza ghall-operat tal-kumpanija, madankollu kien ghad fadal xi xoghol li kien qed jigi mahzun gewwa l-imsemmi fond appartanenti lill-kumpanija fuq imsemmija. Fit-22 ta' Marzu, 2009 il-pulizija rcivew rapport illi fil-fond tal-fabrika gewwa l-Pieta kienu dahlu xi nies, b'dan kollu kienu nfurmati wkoll id-dirigenti ta' l-istess kumpanija li marru fuq il-post u sabu l-entratura ta' wara tal-fond sgassat, meta raw hekk id-dirigenti ghalqu l-entratura u sakkru lil kull min seta' kien jistab gewwa. Meta l-pulizija dahlu fil-fond huma sabu lil Renald Barbara, Paul Abela u iehor mistohbijin. Il-pulizija

sabu wkoll illi kien hemm xi affarijiet appartinenti lill-kumpanija Dolphin Forge Limited illi kienu gew imcaqalqha minn posthom u tmexxew hdejn l-entratura tal-fond mill-imsemmi mputati b'ghan li jghabbuhom fuq xi vettura li kellhom maghhom u jibqghu sejrin bihom. Il-pulizija pero' ddisturbaw lill-appellati fl-operazzjoni taghhom, haduhom ghal aktar investigazzjoni u sussegwentement resquhom il-Qorti nkonnessjoni ma dawn l-akkuzi.

Fi stadju bikri tal-proceduri Renald Barbara u Paul Abela ammettew l-akkuzi dedotti kontra taghhom u b'Sentenza tat-2 ta' Lulju, 2009 (fol 190), il-Qorti tal-Magistrati kkundannathom ghal tlettax il-xahar prigunerija kull wiehed, oltre sanzjonijiet ohra imsemmija fl-istess Sentenza.

L-Avukat Generali hassu agravat minn din is-Sentenza u minnha nterpona appell u dana peress illi l-Ewwel Qorti sabet liz-zewg appellati hatja ta' reati li ma kienux akkuzati bihom u konsegwentament ma ammettewx ghalihom. L-appellati tresqu quddiem l-Ewwel Qorti bir-reati ta' serq, il-prosekuzzjoni qatt ma bidlet ir-reati migjuba kontra taghhom hlief li zdiedet it-tmin akkuza (li kkommettew reat waqt perjodu operattiv ta' Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati). Konsegwentement l-imputati Renald Barbara u Paul Abela ammettew ghar-reat ta' serq fost l-ohrajn, madankollu l-Qorti tal-Magistrati fis-Sentenza taghha qalet illi kienet qed issib lill-akkuzati hatja ta' tentattiv ta' serq ta' kwantita konsiderevoli ta' ghodod u makkinarju ndustrijali gewwa l-fabrika tal-Pieta. L-Ewwel Qorti ghaddiet biex tikkonsidra l-Artiklu 41 (tal-attentat) fost Artikli ohra. L-Avukat Generali ghalhekk hassu agravat peress illi l-Ewwel Qorti qatt ma setghet issib lill-appellati hatja ta' attentat ta' serq meta kienu akkuzati u konsegwentament ammettew , ghar-reat ta' serq.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti mhix ser tidhol fil-kwistjonijiet teknici ta' l-element tar-reat ta' serq peress illi f'dan il-kaz huwa mmaterjali jekk fil-fatt irrizultax serq jew attentat ta' serq.

Il-fatt hu illi l-appellati ammettew l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom b'mod inkondizzjonat illi jinkludi wkoll ir-recidiva u fil-kaz ta' Paul Abela wahdu illi, fil-perjodu operattiv ta' Sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhr it-3 ta' April, 2008 ikkommetta reat li ghalih kien hemm il-piena ta' prigunerija. Gustament, l-Ewwel Qorti tat opportunita lill-appellati sabiex jergghu jikkonsidraw din l-ammissjoni taghhom u wara li kkonfermawha l-Qorti ghaddiet ghas-Sentenza. Pero' kif tajjeb argumenta l-Avukat Generali, f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma setghetx teroga Sentenza ohra ghajr ghal dik ta' akkuza ta' serq li ghaliha kienu debitati l-appellati. Fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija kontra Martin J. Camilleri deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-20 ta' Jannar, 1995 il-Qorti qalet, *"Fuq ammissjoni ta' l-imputat il-Qorti ma tistax hlief tghaddi ghal kundanna tieghu almeno che ma irrizultax li l-imputat ma jkun fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew li ma kienetx l-intenzjoni tieghu li jammetti li huwa hati ta' dik l-imputazzjoni jew fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skont il-Ligi tikkundannah, cioe' ssibu hati ta' reat."* Jekk il-Qorti ma kienetx konvinta illi l-appellat setghu jinstabu hatja ta' serq izda ta' l-attentat tieghu ma kelliex taccetta l-ammissjoni taghhom u tpoggi l-kwistjoni ghal dibattitu bejn id-difiza u l-prosekuzzjoni. Izda l-Qorti ma ghamlet xejn u accettat l-ammissjoni ta' l-appellati. Kif ga nghad, din l-ammissjoni kienet wahda nkondizzjonata, fehmu n-natura ta' l-imputazzjoni u quindi l-Ewwel Qorti kellha ssib htija fuq l-akkuza ta' serq u mhux fuq l-attentat taghha.

Ghalhekk l-ewwel agravju ta' l-Avukat Generali jisthoq li jkun milhuq u din il-Qorti ssib lill-appellati hatja ta' serq skont l-akkuza kif dedotta fil-bidu ta' din is-Sentenza.

It-tieni agravju ta' l-Avukat Generali jirrigwardja l-piena, ovjament l-Ewwel Qorti abbazat il-piena taghha fuq l-attentat fejn allura hemm it-tnaqqis b'grad jew tnejn skont id-dispozizzjoni tal-Ligi. Pero' din il-Qorti ssib illi la darba l-imputati ammettew u nstabu hatja ta' serq agravat bi vjolenza u bil-mezz, apparti l-agravju tal-valur, l-ammont ta' prigunerija ghandu jigi kkalkolat ai termini ta' l-Artiklu 280 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u d-diversi referenzi li

jsiru f’dan l-imsemmi Artiklu. Dawna jpoggu parametri bejn tmintax il-xahar sa tliet snin u jekk ma dawn izzid ir-recidiva skont l-Artikli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali l-parametri jitilghu bejn sentejn ghal erba’ snin.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ l-appell, tikkonferma s-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fejn sabet lill-appellati hatja ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom u cioe’ dak ta’ serq aggrvat bil-vjolenza u bil-mezz, kif ukoll il-valur u tikkonferma l-ordni tal-konfiska tal-vettura KAA 731, tirrevokha u thassarha f’dik il-parti fejn ikkundannat l-appellati ghal tlettax il-xahar prigunerija u minflok tikkundannahom ghal perjodu ta’ prigunerija ta’ sentejn kull wiehed, bil-konferma tal-bqija ta’ l-ordnijiet maghmulha mill-Ewwel Qorti. Ghalhekk b’kollox l-appellat Renald Barbara ghandu jservi perjodu totali ta’ tliet snin u sitt xhur u l-appellat Paul Abela ghandu jservi perjodu totali ta’ prigunerija ta’ tliet snin u disa’ xhur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------